**1 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Despasquale B.A., LL.D.**

E

*versus*

F

## Żwieġ - Esklużjoni tal-*bonum prolis* - Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255

*Il-konvenuta daħlet għaż-żwieġ biss bl-intenzjoni li ma jkollhiex tfal. L-intenzjoni tagħha kienet simulata għaliex ma kenitx tirrifletti dak li fil-fatt immanifestat meta daħlet għall-kuntratt taż-żwieġ.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur:

Premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-attur iżżewweġ lill-konvenuta fil-11 ta' Marzu, 1989 fil-Knisja Parrokjali ta' Lija;

Premess li l-kunsens ta' l-istess konvenuta għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq

il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha u b'anomalija serja li għamilha impossibbli għall-imsemmija konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Premess li inoltre l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' diversi elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

Premess li inoltre l-kunsens tal-konvenuta kien simulat;

Premess li għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat mill-attur mal-konvenuta fil-11 ta' Marzu, 1989 huwa null u bla effett fil-liġi;

Talab li din il-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeċidi illi ż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fil-11 ta' Marzu, 1989, huwa null u bla ebda effett legali, u tagħti dawk il-provvedimenti kollha l-oħra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis*;

Illi ż-żwieġ tfarrak *"on account of reciprocal faults, gross incompatibility of character and other reasons which suffice at Law the obtainment of a personal separation 'a mensa et thoro"* kif iż-żewġ kontendenti ddikjaraw minn jeddhom fl-att ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fit-22 ta' Awissu, 1990, wara d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla. F'dan is-sens l-esponenti ma taqbilx mal-paragrafu tlieta tad-dikjarazzjoni;

Illi in esklużjoni tal-*bonum prolis* li huma t-tfal kienet saret

miż-żewġ kontendenti, u mhux biss minnha, kemm sa minn qabel iż-żwieġ kif wkoll matul il-ftit xhur li għexu flimkien, u l-kontendenti li kienu għal kollox ta' karratru inkompatibbli u disġwid kontinwu, ftit li xejn ifittxu lil xulxin sesswalment u għalhekk kien hemm bruda reċiproka. Eċċepiet wkoll li din il-bruda kien jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għaliha l-attur, li ma kienx jaħdem, jorqod il-maġġor parti tal-ġurnata, u iżomm il-kumpanija ta' ċertu tip ta' rġiel. Hija xtaqet kieku tgħin lill-attur isib xi xogħol fl-interess reċiproku, iżda kien kollu għal xejn, għax l-attur kien jippreferi jorqod milli jaħdem;

Illi l-konvenuta eċċepiet wkoll illi huwa minnu li ż-żwieġ tagħha ma' l-attur huwa annullabbli skond il-provvediment ta' l-Att taż-Żwieġ ta' l-1975 kif emendat, minħabba ċjoè difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa da parti ta' l-attur, u d-drittijiet u obbligi essenzjali taż-żwieġ, u ċjoè l-esklużjoni permanenti ta' l-ulied, sa minn qabel iż-żwieġ mill-kontendenti, li baqgħu flimkien biss għal żmien qasir, u minħabba il-bruda lejha ta' l-attur, minħabba inkompatibbiltà assoluta ta' karattru;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur ippreżenta din iċ-ċitazzjoni biex jiġi ddikjarat null u bla effett iż-żwieġ minnu kkuntrattat fil-11 ta' Marzu, 1989 mal-konvenuta, u dan peress illi l-kunsens tagħha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u dana l-kunsens kien simulat u nkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' diversi elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

Illi min eżami akkurat tar-riżultanzi proċesswali, jidher li dan kien żwieġ li messu qatt ma sar, senjatament minħabba d-differenza kbira fil-karattru bejn il-kontendenti. Anke mill-istess dikjarazzjoni ppreparata mill-attur, li għalkemm miktuba bl-Ingliż tassew imfarrak, però irnexxielha twassal il-messaġġ li ried jixhed dwarhu l-attur. Jirriżulta li hu bniedem li għandu karratru pjuttost debboli, u qabad lil martu wara li dina kienet ħabiba ta' ħuh, u kienet tiffrekwenta d-dar tal-ġenituri tagħhom;

Illi biss ftit xhur wara li huma kienu iżżewġu, il-konvenuta qaltlu li ma riditx taf iżjed bih, u l-attur jixhed hekk dwar dan il-mument: "*She came after work, tell me that it is all over. I asked her the reason why, she is doing this. This was after six months we had got married. Her anser was because I have no responsability, and I was too young for her in mind, that she had has the responsability of everything. So things remain the same. She went back to her flat, and I stayed at home waiting and hoping that things will change, and she will return home some day.*"

Illi min-naħa tagħha l-konvenuta tidher li kienet bniedma li verament kif issottometta l-istess attur, kien moħħha biss fin-negozju, u taħdem mingħajr waqfien, biex timmiljora s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Tant li anke wara li kienu sseparaw bil-kuntratt, hija xorta ppruvat tagħmillu proposti biex ikompli jagħmel dak li kienu jagħmlu qabel, ċjoè jixtru xi dar, jirranġawha u ibigħuha bi profitt sostanzjali. Dwar il-konvenuta, l-attur jgħid: "*I think she is a workaholic, because she never stopped working.*"

L-attività u l-ambizzjoni li kellha l-konvenuta ġiet ukoll minnu deskritta "*during the weeks, we used to go to work. Go*

*home, watch television and go to bed. Weekend, we used to work also. There was no family feeling.*"

Il-konvenuta tallega wkoll li wara li huma kienu rċevew il-flus meta biegħu xi proprjetà, huwa kien nefaq flusu kollha fuq id-drogi;

Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali, li mir-riżultanzi proċesswali jidher li l-konvenuta hija persuna li għandha ħafna enerġija u *business sense*, waqt li l-attur ma għandux, iżda ċertament ma jistax jingħad li hija ma kellhiex id-diskrezzjoni ta' ġudizzju meħtieġa għal pass bħalma kien iż-żwieġ. Lanqas ma ġie ppruvat li hija kienet tbati min xi anomalija psikoloġika serja, kif rikjesta mil-liġi, biex jista' jkun hemm dikjarazzjoni ta' annullament fuq dan il-bażi;

Illi l-Qorti wara li rat bir-reqqa d-deposizzjonijiet mogħtija, u eżaminat il-konsiderazzjonijiet sottomessi mill-abili relatur, tifhem però li l-konvenuta kienet verament eskludiet b'mod posittiv il-*bonum prolis*. Għalhekk il-konvenuta stess tammetti li hija kienet tħobb lill-attur, però miċ-ċirkostanzi kollha li rriżultaw, u senjatament anke mill-biżà li hija kellha ta' l-uġigħ fil-wild, hija daħlet għaż-żwieġ bl-intenzjoni illi ma jkollhiex tfal u riedet biss illi ikollha relazzjoni ma' l-attur, sakemm dan ma kienx ifixkilha fl-iskopijiet ulterjuri tagħha, ċjoè li tagħmel suċċess mill-karriera tagħha. Dan iwassal wkoll għall-konklużjoni li l-intenzjoni tagħha kienet simulata, għaliex ma kenitx tirrifletti dak li fil-fatt immanifestat meta daħlet għall-kuntratt taż-żwieġ fil-11 ta' Marzu, 1989, ma' l-istess attur;

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u

tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Marzu, 1989, u dan minħabba difett fil-kunsens tal-konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta dwar iż-Żwieġ;

L-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.